**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 64– 17 ta' Gunju 2019**

***Minuti tat-64 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar fis-17 ta' Gunju, 2019 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:00pm ta' filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 64. Il-laqgha bdiet fil-6:10pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

## 64.1 Qari tal-Ittri tal-Apologiji

Il-Kunsill gie nfurmat li l-Kunsillier Roderick Aquilina kienx ser jattendi ghal din il-laqgha minhabba impenji ta' xoghol. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li dan il-Kunsillier jkun skuzat.

## 64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Gew prezentati l-minuti.  Is-Sindku Sarah Agius ipproponiet li l-minuti jigu approvati. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Chris Bongailas. Dawn il-minuti gew approvati unanimament.

## 64.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mis-Sindku.

## 64.4 Gnien it-Tfulija

Il-Laqgha tal-Kunsill waqghet fi stadju ta' kumitat sabiex ikun jista jitkellem il-Perit Charles Buhagiar dwar il-kont ta' Gnien it-Tfulija. Dwar ic-cint li ma hux mimli bil-konkoz, il-Perit qal li xorta huwa sigur. Is-Segretarju talbet li tinhareg certifikazzjoni  li dan ic-cint li jinsab fil-perimetru tal-gnien huwa sigur.

Wara li nghatat spjegazzjoni tad-differenzi li kien hemm bejn l-istima u l-kont kif kien prezentat, il-Vici Sindku Alfred Grixti ippropona li fuq suggeriment tal-istess perit jinzammu 10% tal-valur tal-kont bhala retention money sakemm ma jsiru xi xoghlijiet li baqalhom jsiru, liema retention money tithallas meta x-xoghlijiet isiru. Huwa gie sekondat mis-Sindku Sarah Agius. Ittiehed vot.

Voti Favur: Is-Sindku Sarah Agius Saliba, il-Vici- Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Vernalise Scicluna, Clive Azzopardi, Philip Said, George Cortis u Kevin Glynn.

Voti Kontra; Hadd

Astensjonijiet: Il-Kunsillier Chris Bongailas

Il-proposta giet approvata.

Is-Segretarju ghaldaqstant ikkonfermat li ghalissa l-kuntrattur ser jigi mhallas id-differenza bejn il-bilanc pendenti ta Eur65,654.25 u Eur19,225.2 (10% tal- Final Bill Eur192,251.97) jigifieri Eur46,429.05.

__64.5 Impjegat Philip Gatt__

Is-Sindku Sarah Agius qrat il-parir li ntbaghat minghand l-Avukat Generali Dr. Peter Grech lill-Kunsill. Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li rega' kiteb lill-Ministru Owen Bonnici sabiex ifakkar li l-impjegat Philip Gatt ghandu jinghatalu xoghol iehor. Huwa tenna jghid li hija li hemm precedenti li meta jsir 'restructuring' dwan jigu 'detailed' m'aentitajiet ohra tal-Gvernf u ghalhekk m'ghandux ikun hemm diffikultajiet sabiex Philip Gatt jinghata xoghol iehor. Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal ukoll li jehtieg li jehtieg li jinstablu xoghol iehor qabel it-30 ta' Gunju 2019.

__64.6 Talba ghall-Kumpens ghall-hsara f'tyres__

Dwar talba li kien hemm minn sewwieq li skont rapport li ghamel saritlu hsara fit-tyres tal-karozza waqt li kien ghaddej minn Triq il-Buskett, il-Kunsill ikkonferma li m'ghandu jinghata l-ebda kumpens.

__64.7 Mizura 4.3 – Triq it-Troll__

Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li Infrastructure Malta ser tiehu f'idejha l-progetti li jaghu taht Mizura 4.3, jekk dejjem dak il-Kunsill partikolari jkun jaqbel. F'dak il-kaz il-

Kunsill irid johrog 10% bhala hlas bil-quddiem. Il-Kuntrattur jintaghzel minn IM. Il- Kunsill qabel unanimament fuq proposta tas-Sindku Sarah Agius li giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti, liema proposta kienet tghid li Triq tat-Troll Issir minn Infrastructure Malta u ghalhekk ghandhom jinghaddew il-flus skont kif rikjest mill-Managing Authority.

## 64.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni l-vot tal-flus li kien gie ccirkolat mis-Segretarju Ezekuttiv fil-jiem ta qabel. Is-Sindku proponiet li l-vot jigi approvat kif prezentat. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Vernalise Scicluna. Il-Kunsillier Chris Bongailas astjena mill-pagament lill-Mario Cachia u minn dak tal-Bava Trading. Ghall-kumplament tal-vot kien hemm qbil unanimu.

## 64.5 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

## 64.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgha spiccat fis-7pm. Il-laqgha giet aggornata ghall-24 ta Gunju fis-6:30pm

**Sarah Agius** **Paula M. Valletta**

**Sindku** **Segretarju Ezekuttiv**

,